MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## GRAZIELLA BEZZINA

Seduta ta' l-10 ta' Novembru, 2010

Talba Numru. 1115/2010

**Anthony u Rita konjugi Attard**
**I.D. 341963 (M) u 180662 (M) rispettivament**

**vs**

**Chris Vassallo**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-atturi talbu lill-konvenut il-hlas tas-somma ta’ elf mija u wiehed Euro u tlieta u tletin centezmu (€ 1,101.33), liema ammont jirraprezenta prezz ta’ gazzetti mibjugha u kkonsenjati lilu fuq ordni tieghu stess, u ghaldaqstant ghandu jigi kkundannat illi jhallas l-ammont imsemmi ta’ € 1,101.33.

Bl-imghax u bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra legali tal-11 ta’ Mejju 2010 u tat-2 ta’ Gunju 2010, kontra l-intimat illi gie ngunt ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-Ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondi ghalih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.
Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-atturi tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lil konvenut ihallas is-somma ta' elf mija u wiehed Ewro u tlieta u tletin centezmu (€ 1,101.33), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez jkunu a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------